# Patri Bonaventura Camilleri

## *Il-Kappillan ta' meta bdiet titkabbar il-knisja parrokkjali*

kitba ta' P. Joseph Cilia OFMConv.

Patri Bonaventura Camilleri, *Furtun* jew *iz-ziju*[1] kif ħafna kienu jsejħulu, kien kappillan tal-parroċċa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar bejn 1963 u l-1969[2]. Kien fi żmien il-parrokat tiegħu li l-komunità reliġjuża tal-patrijiet, immexxija mill-Gwardjan P. Tumas Moore[3] ħadet id-deċiżjoni[4] biex tibda titkabbar il-knisja parrokkjali f'ġieħ is-seba' duluri ta' Marija Santissima mibnija bit-tħabrik u bil-flus tal-Markiża Anna Bugeja[5]. Fid-diskors tiegħu għat-tberik ta' l-ewwel ġebla tat-tkabbir tal-knisja, fil-11 ta' Awissu 1968[6] il-Kappillan Camilleri qal: "Ix-xorti messet lilna li nwiegħbu għal dan il-bżonn."[7] P. Camilleri stinka kemm felaħ biex isir il-ġbir meħtieġ għat-tkabbir tal-knisja minn meta bdiet fl-1966 sakemm hu ħalla l-parroċċa fl-1969. Għadna niftakruh bil-famużi lotteriji li kien jagħmel ħdejn il-bieb tal-knisja, bil-mejda ħdejn il-bieb, isellem lin-nies deħlin għall-quddies u wara iħeġġiġhom biex jieħdu l-biljetti! Dejjem bit-tbissima fuq fommu u bi kliem ta' inkoraġġiment għal kulħadd. Il-poeta Għawdxi, il-Kav. Joe M. Attard, fil-poeżija tiegħu f'ġieħ P. Boaventura fl-okkażjoni tas-sittin sena tas-saċerdozju kiteb: *Ħadem, stinka f'Birkirkara / Kif ukoll f'San Pawl il-Baħar / Biex it-tnejn dawn knisja jkollhom / B'dan il-patri kulħadd ftaħar.*[8]



Patri Bonaventura twieled fil-5 ta' Novembru 1914 minn Ġużeppi Camilleri u Maria née Falzon, ir-Rabat Għawdex. Fl-istess jum tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ li llum hi wkoll Bażilika u Kolleġġjata. Tawh l-isem ta' Fortunato. Ta' dsatax-il sena daħal mal-Patrijiet ta' San Franġisk ta' l-Ordni tal-Minuri Konventwali. Hu stess tenna kemm-il darba li ma jiddispjaċihx ta' dan il-pass li għamel u qal ukoll, li kieku kellu jerġa' jitwieled, jerġa' jsir Franġiskan Konventwali. Fl-1933 beda n-Novizzjat f'Urbino, l-Italja u beda jissejjaħ Fra Bonaventura Maria. Sena wara, fl-1934,

għamel l-ewwel professjoni u fl-1937 għamel dik solenni. Kien ordnat saċerdot meta kellu ħamsa u għoxrin sena mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-knisja ta' San Franġisk f'Għawdex fil-5 ta' Novembru 1939. Studja Urbino, Palermo, Venezja, Malta u Ruma minn fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija Dommatika. Għallem it-Teoloġija fid-djoċesi ta' Għawdex. Serva l-Provinċja Maltija tal-Franġiskani Konventwali bħala Assistent u Segretarju tal-Provinċjal, Kustodju Kapitulari, Gwardjan ta' Birkirkara, Kappillan ta' San Pawl il-Baħar u Gwardjan ta' Għawdex. Miet fid-9 ta' Settembru 2005 fl-għomor ta' wieħed u disgħin sena. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat ta' Għawdex nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2005 u jinsab midfun fl-oqbra tal-patrijiet fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija.[9]

Ħajja twila kienet dik ta' P. Bonaventura li minnha l-poplu ta' San Pawl il-Baħar gawda tmien snin mis-servizz ta' dan ir-reliġjuż, tlieta bħala patri fil-komunità bejn 1959 u 1962 u ħamsa bħala Kappillan, bejn 1963 u 1969. Fi kliem il-Provinċjal P. Alfred Calleja, P. Bonaventura kien *bniedem magħruf u maħbub minn kulħadd kemm għat-tjubija tiegħu, kif ukoll għall-għerf tiegħu. Kien reliġjuż li jħobb jgħin lil dawk fil-bżonn bil-karità li jagħti bil-moħbi. Kien magħruf għall-priedki u l-konferenzi li kien jagħmel.*[10] Din ukoll hi l-esperjenza tal-parruċċani Pawlini! Hekk inkiteb dwaru: *kulħadd japprezza l-ħidma tal-Kappillan maħbub tagħna, bit-tbissima dejjem fuq fommu idur minn tarf sa tarf il-parroċċa, ifittex jaqdi u jgħin lil kulħadd, iżur ta' spiss il-morda, u tant ħidmiet oħra li huwa jagħmel fl-appostolat tiegħu.*[11] P. Feliċ Sammut, fil-poeżija ddedikata lilu, kiteb: *Tarawh għaddej mit-toroq tal-parroċċa / Jidħol fid-djar jitkellem ma' kulħadd / Lin-nies irid magħquda bħal qaqoċċa / Għax b'hekk is-sliem mitluf jintradd.*[12]

Hu sar Kappillan tal-parroċċa fl-1963 wara li kien irriżenja l-Kappillan P. Dumink Bonello. Dawn kienu l-ħsibijiet ta' P. Bonaventura meta ngħata dan is-servizz u li hu qasam mal-parruċċani f'*Leħen il-Parroċċa* ta' dik is-sena: *Ħabta u sabta sibt ruħi fostkom, u sibt ruħi fostkom Kappillan tagħkom. Fraħt b'din l-għażla, u fraħt għal ħafna raġunijiet. Fraħt minħabba l-post: San Pawl huwa l-isbaħ fost l-isbaħ postijiet li jżejnu u jfaħru lil Malta tagħna. U fraħt l-iżjed għax se ngħix fostkom u magħkom. Ġejt b'qalbi f'idejja: hija miftuħa għal kull bżonn u ħtieġa tagħkom. Irrid magħkom naqsam il-ħajja tagħkom. Irrid magħkom naqsam il-ħajja taħkom. Irrid nifraħ ma' min huwa ferħan u rrid nibki ma' min huwa mnikket.* Il-programm pastorali tiegħu u li tiegħu baqa' fidil sakemm temm il-ħidma tiegħu bħala Kappillan, kien ċar: *...l-iżjed li rrid nieħu ħsieb, u li l-ħin kollu nħosshom ma' ġenb qalbi huma l-morda u l-foqra u dawk li huma mbegħedin mis-Sagramenti Mqaddsa. Magħhom irrid inħaddem il-biċċa l-kbira tal-ġurnata tiegħi.*[13]

Id-digriet tan-nomina tiegħu kien ħareġ fit-8 ta' Awissu, 1963 u fit-12 ta' Awissu hu ħa l-ġurament tal-ħatra fil-Kurja ta' l-Arċisqof, f'riġlejn l-Isqof Emmanuel Galea. Bħala xhieda kellu lil Dun Karm Portelli u lil Dun Ġużepp Zammit.[14] Dwar il-ħidma pastorali tal-Kappillan Camilleri m'hemmx isbaħ xhieda minn dik tal-Ministru Provinċjal, Patri Alfons Sammut, li wara viżta kanonika li għamel lill-Komunità tal-Patrijiet ta' San Pawl il-Baħar kiteb: *...nifirħu lill-kappillan u lis-saċerdoti talli b'ħeġġa u, xi drabi b'sens ta' sagrifiċċju, jagħmlu ħilithom ħalli jaħdmu għall-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-parroċċa u ta' dawk li jmorru hemm għall-villeġġatura. Fis-sajf, qed imorru hemm għaxriet ta' eluf minn kull naħa tal-gżira. Nifirħu ngħidulkom, mhux biss li huma japprezzawkom, imma hemm ukoll apprezzament min-naħa ta' l-Arċisqof. B'sens ta' ferħ, sirna nafu li l-Kappillan il-ġdid, P. Bonaventura, b'ġest tassew nisrani, iddispona li jmur iqarben lill-morda darba fil-ġimgħa, u mhux darba fix-xahar kif kien isir qabel.*[15]

P. Bonaventura ċċelebra l-ħamsa u għoxrin sena tas-saċerdozju tiegħu man-nies ta' San Pawl il-Baħar. *Leħen il-Parroċċa* ta' Ottubru-Diċembru 1964 kien iddedikat lilu u fih tħabbar li l-5 ta' Novembru 1964 kien se jiġi ċċelebrat bħala Jum il-Kappillan, *bħala ġurnata ta' festa f'ġieħ il-Kappillan tagħna, ir-Ragħaj u Missier Spiritwali tal-Parroċċa.*[16] Għal din il-festa tal-Kappillan, il-parroċċa ħarġet bi ħġarha. Fil-Quddiesa Solenni, il-Provinċjal, P. Alfons Sammut, niseġ id-diskors ta' l-okkażjoni. Kanta l-kor tan-Naxxar taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Xerri. Wara saret dimostrazzjoni mmexxija mill-Banda San Pawl bid-daqq ta' marċi brijużi, filwaqt li diversi Għaqdiet tal-parroċċa xejru bnadar u kartelluni qalb il-folla li mxiet wara l-banda *kulħadd ferħan iċapċap, daqq ta' qniepen u sparar.* Fis-sala parrokkjali saret laqgħa speċjali f'ġieħ il-Kappillan, fejn fl-aħħar tal-laqgħa l-Kappillan irringrazzja lil kulħadd tal-festa kbira li għamlulu u talab l-għajnuna ta' kulħadd biex il-parroċċa tinżamm marbuta bl-imħabba. *Leħen il-Parroċċa* ddikjaraha li *kienet festa speċjali għal San Pawl il-Baħar.*[17]

Fi żmien il-parrokat ta' P Bonaventura, nhar it-28 ta' Settembru 1963, sar il-ftuħ tas-sala parrokkjali bil-films 35mm. Kien hu li bierek l-i*screen* il-ġdid, iż-żewġ *projectors* u l-*amplifier Westrex.*[18] Saret ukoll il-konsagrazzjoni tal-knisja ta' Burmarrad fit-30 ta' Mejju 1964.[19] Ordna Saċerdot ġdid mill-parroċċa, P. Elija Vella, li ġie ordnat fil-knisja parrokkjali mill-Isqof Emmanuel Galea nhar il-Ħadd, 30 ta' Awissu 1964 u għamel l-ewwel Quddiesa Solenni fl-istess knisja, il-Ħadd, 13 ta' Settembru.[20] Is-Sur Manwel Bonnici ta' Burmarrad ġie onorat mill-Papa Pawlu VI għax-xogħol li wettaq bħala l-Imgħallem għall-bini tal-knisja f'dik iż-żona.[21] Għamel żjara lill-parroċċa l-Kardinal Frings nhar l-1 ta' Novembru 1965.[22] Sar il-monument f'ġieħ il-President John Kennedy ta' l-Amerika, li ġie msemmi *Kennedy Memorial Grove* u li ġie inawgurat fid-29 ta' Mejju 1966 mill-Gvernatur Sir Maurice Dorman fil-preżenza tal-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier u mbierek mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.[23] Fit-18 ta' Ġuju 1967 bdiet issir quddiesa bl-Ingliż fil-knisja parrokkjali fis-7.30 ta' filgħaxija.[24] Bierek il-bandiera Amerikana li ttajret fuq il-bini tal-Capitol go Washington u li ġiet ippreżentata lill-Każin tal-Banda San Pawl fit-3 ta'Lulju 1967 mill-Membru tal-Kungress Amerikan, Thomas P. O'Niel, fil-preżenza ta' l-Ambaxxatur Amerikan f'Malta, George Feldman.[25]

Nistgħu ngħidu li l-ħidma tiegħu fostna ntemmet b'dispjaċir kbir, meta fl-1968, meta xi ħadd b'responsabbiltà akbar minn tiegħu, fil-Provinċja, ħolom, bi ftehim mal-Pulizija, li jbiddel it-toroq tal-purċissjoni biex din tgħaddi minn Triq it-Torri u Triq Parades b'detriment għat-toroq tradizzjonali li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni, Triq Isouard u Triq il-Knisja. Kienet deċiżjoni kapriċċuża imposta fuq il-Kappillan u l-parroċċa. In-nies ipprotestat bi kbir u l-purċissjoni ma tħallitx toħroġ. Ix-xniegħa kienet li kienu nħbew anke il-lasti tar-reffiegħa li bihom tinġarr l-istatwa, imma l-verità hi, li lasti kienu baqgħu fejn jintrefgħu s-soltu. Min kien jaf fejn kienu merfugħa l-lasti kien kontra d-deċiżjoni tat-tbidil tat-toroq u l-lasti ma ħariġhomx minn posthom![26]

*Iz-Ziju* Bonaventura jibqa' msemmi għal ħafna kwalitajiet, fosthom bħala *wieħed mill-ġenji kbar tat-teoloġija fil-gżejejr tagħna*[27] u għaldaqstant sellmulu kif kien xieraq, bhala *predikatur magħruf, teologu brillanti, għalliem zelanti, devot imħeġġeġ ta' l-Immakulata u iben denn tal-Fqajjar ta' Assisi.*[28] Il-Provinċjal Calleja stqarr li *l-provinċja ftaqret bin-nuqqas tiegħu*[29] u aħna l-Pawlini nibqgħu niftakruh b'dik it-tbissima li ma ħallietu qatt, it-tbissima li tant swiet fil-ħidma pastorali tiegħu fostna fi żmien diffiċli tal-kwistjoni politiko-reliġjuża. Niftakru l-ħeġġa tiegħu u s-sempliċità tiegħu, sempliċità li kienet tidher f'kollox

anke meta rebhu l-Ingliżi t-Tazza tad-Dinja u hu fil-ferħ u l-entużjażmu tiegħu xegħel il-faċċata tal-knisja! Jew meta, f'Ħadd minnhom, ħeġġeġ lin-nies biex jikkontribwixxu aktar u qalilhom: "...qed imutu ftit, jitwieldu ftit u jiżżewġu ftit, hemm bżonn li twaddbu aktar fil-kopp." Fuq kollox, hu jħallilna messaġġ li għadu jgħodd sal-lum. Messaġġ li dan il-Kappillan maħbub, kiteb fil-bidu tal-parrokkat tiegħu u li nistgħu nqisuh bħala t-testment spiritwali għall-parroċċa għal kull żmien: *Ilkoll flimkien nitolbu u naħdmu biex nagħmlu lil San Pawl il-Baħar sabiħ ukoll spiritwalment; sabiħ mhux biss quddiem il-barrani u t-turista immaw koll sabiħ quddiem Alla. Irridu naħdmu flimkien biex lill-parroċċa Pawlina tagħna, għalkemm fiha ħafna truf, u truf fit-tul, nagħmluha familja waħda, familja onesta, familja għaqlija, familja, li fiha u fuqha ssaltan il-barka ta' Alla!*[30]

[1] Ara l-*Omelija* ta' patri Alfred Calleja OFMConv., Ministru Provinċjal għall-funeral ta' P. Bonaventura, it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2005, f'*Tota Pulchra*, l-24 Ħarġa – Festa 2005, p.52. Ara wkoll fl-istess ħarġa l-artiklu ta' Francesco Pio Attard, *Patri Bonaventura Camilleri (1914-2005)*, p.49 fejn kiteb: *Kulħadd kien jafu b'"iz-Ziju", għax għal kulħadd kien wieħed "ta' ġewwa", bniedem li tassew jiġbdek u dejjem lest b'kelma ta' mħabba u fejda għal kulħadd.* Ara wkoll l-artiklu ta' Patri Albert Sammut OFMConv., *P. Bonaventura Camilleri OFMConv., Tifkira f'Il-Ħajja ta' l-Aħwa*, Bullettin ta' Informazzjoni tal-Provinċja Maltija tal-Franġiskani Konventwali, il-Ħdax-il Sena, Jannar-Marzu 2006, n.62, p.8.

[2] Ħafna drabi nkiteb lil P. Bonaventura kien Kappillan ta' San Pawl il-Baħar sa l-1968. Imma fil-fatt, fir-reġistru ta' l-imwiet tal-parroċċa nsibu li hu kien għadu jiffirma bħala Kappillan sal-11 ta' Jannar 1969. L-ewwel firma ta' P. Serafin Galea bħala Kappillan tal-Parroċċa – kien ukoll Kappillan bejn is-snin 1953 u 1962 – hija tas-16 ta' Jannar 1969. L-aħħar firma ta' P. Bonaventura fuq ir-reġistru tal-magħmudijiet hija tal-25 ta' Diċembru 1968 u fuq ir-reġistru taż-żwiġijiet tal-11 ta' Jannar 1969. Il-lapida bil-lista tal-Kappillani li hemm fil-kamra tal-Kurċifiss – li fl-antik kienet is-sagristija – tirrepeti l-istess żball, li P. Bonaventura kien Kappillan sa l-1968, meta fil-fatt kien Kappillan sa l-1969.

[3] Il-komunità tal-patrijiet dak iż-żmien kienet komposta minn P. Tumas Moore, Gwardjan, P. Bonaventura Camilleri, Kappillan, P. Bernardin Attard, P. Tarċisju Chetcuti, P. Ludocik Calleja, P. Salv Mallia u Fra Ludovik Busuttil.

[4] Din id-deċiżjoni ttieħdet fil-laqgħa tal-Kapitlu Konventwali tal-patrijiet nhar it-18 ta' Novembru 1965.

[5] Il-Markiża Anna Bugeja bdiet il-bini tal-knisja fit-8 ta' Lulju 1901 u din kienet lesta biex titbierek nhar id-9 ta' April 1905.

[6] It-tberik ta' l-ewwel ġebla tat-tkabbir tal-knisja sar mill-Isqof Emmanuel Gerada fil-preżenza tal-Provinċjal, P. Rafel Gauci. Il-parrinijiet kienu l-Baruni Ġirolmu De Piro u l-Avukat Joseph Attard Montaldo.

[7] Id-diskors sħiħ għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Kappillan Camilleri jinsab fit-*Tifkira tal-Ftuħ – Tkabbir tal-Knisja Parrokkjali, il-Ħadd, 1 ta' April 1979*, p.2. Stampat mill-ġdid fil-ktieb ta' P. Joseph Cilia OFMConv., *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar*, 1980 pp.34-35 u mill-ġdid riprodott fil-pubblikazzjoni tal-Każin tal-Banda San Pawl, Festa 2004 minn Keith Muscat fl-artiklu *25 Sena mit-Tkabbir tal-Knisja Parrokkjali 1979-2004*, pp.43 u 45.

[8] Ara l-poeżija tal-Kav. Joe M. Attard 05/12/1999, *Patri Bonaventura Camilleri 60 Sena Saċerdot*, fil-Programm Festa l-Immakulata Kunċizzjoni 2000, p.34. Fl-istess programm f'p.35 hemm *Profil ta' P. Bonaventura Camilleri OFMConv.* li fost l-oħrajn inkiteb *'Fis-sena 1963 Patri Bonaventura ġie msejjaħ biex jaqdi dover ieħor, dik ta' Kappillan f'San Pawl il-Baħar. Hemmhekk huwa ħabrek u stinka fil-pjanijiet biex tinbena knisja ġdida għax li kien hemm kienet tidher dejjem qed tiċkien."* Kemm fil-poeżija, kif ukoll f'dan l-artiklu, kif ukoll fl-artiklu ta' Francesco Pio Attard, *Patri Bonaventura Camilleri OFMConv. (1914-205)*, f'*Tota Pulchra*, l-24 Ħarġa – Festa 2005, p.49 inkiteb li P. Bonaventura ħadem biex issir knisja ġdida. Dan mhux korrett, għax hu ħadem biex titkabbar il-knisja kif fil-fatt sar. Naturalment il-bidu ta' dan it-tkabbir hu dovut għall-ħidma tal-Gwardjan P. Tumas Moore u tal-komunità tal-patrijiet ta' dak iż-żmien li P. Bonaventura kien parti minnha.

[9] Għall-biografija sħiħa dwar P. Bonaventura, ara l-*Ittra Ċirkulari* ta' P. Alfred Calleja, Ministru Provinċjal miktuba lill-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali ntitolata *Mewt ta' Fra Bonaventura Camilleri*, 25 ta' Ottubru, Prot. N. 486(83)2005. L-Ittra Ċirkulari ma ssemmix li P. Bonaventura ta s-servizz lill-Provinċja bħala Kustodju Kapitulari bejn l-1977 u l-1980. Fl-ittra, biżball issemmi li P. Bonaventura kien Gwardjan ta' San Paw il-Baħar meta fil-fatt kien biss Kappillan tal-parroċċa.

[10] *Cirkulari* tal-Provinċjal diġà msemmija fin-nota ta' qabilha.
[11] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru 1964, Nru.8,p.2 taħt it-titlu *Jum il-Kappillan.*
[12] Ara l-poeżija sħiħa ta' Patri Feliċ, *Il-KURAT, Lil P. Bonaventura Camilleri OFMConv., Kappillan ta' San Pawl il-Baħar (18/9/64)*, fir-rivista PAVLVS, maħruġa mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, Numru 9 - Sena 1982, p.16.
[13] *Il-Kelma tal-Kappillan*, f'San Pawl il-Baħar, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru 1963, Nru.4, p.1.
[14] Bonnici Alexander OFMConv., *San Pawl il-Baħar Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri*, Reliġjon u Ħajja, Storja 33/169, 2005, p.81. Dan it-tagħrif hu miġbur minn P. Bonnici mill-Arkivju Arċipeskopali ta' Malta, Kanċellerija, San Pawl il-Baħar 1963.
[15] Bonnici P. Alexander, op. cit., p.82. Tagħrif miġbur mill-Arkivju tal-Provinċjal Maltija tal-Franġiskani Konventwali mill-Ktieb tal-Viżti (Libro delle S. Visite e Ordini) tat-12 ta' Novembru 1963.
[16] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru, 1964, nru.8 pp.1 u 2.
[17] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Jannar-Marzu, 1965, nru.9, p.2.
[18] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru, 1963, nru.4, p.3.
[19] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Lulju-Settembru, 1964, nru.7, p.4.
[20] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru, 1964, nru.8, p.3.
[21] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Lulju-Awissu, 1965, nru.10, p.4.
[22] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Ottubru-Diċembru, 1965, nru.11, p.1.
[23] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Diċembru, 1966, nru.2, p.1.
[24] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Mejju-Lulju, 1967, nru.15, p.3.
[25] *San Pawl il-Baħar*, Leħen il-Parroċċa, Mejju-Lulju, 1967, nru.15, p.3; ara wkoll *L-Għotja ta' Bandiera Amerikana*, Banda San Pawl, Festa 1995, p.101.
[26] Ara Cilia P. Joseph OFMConv., *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar*, op. cit. p.52. F'Leħen il-Parroċċa, *San Pawl il-Baħar*, Ħarġa Speċjali Festa 1995 f'pp.25-31 deher artiklu bit-titlu *Id-Duluri tal-Lhudi*, meħud kważi b'kelma b'kelma mill-ktieb imsemmi ta' P. Cilia u b'xi żieda għall-aħħar ta' l-artiklu. F'dan l-artiklu però hemm żball fid-data (u li mhix fil-ktieb ta' P. Cilia) ta' meta ma ħarġitx il-purċissjoni għax inkiteb li din ma ħarġitx fl-1965 (p.27) flok fl-1968. Dan l-istess żball ġie repetut fil-ktieb ta' P. Alexander Bonnici OFMConv., *San Pawl il-Baħar, Parroċċa f'ġieħ il-Madonna tad-Duluri*, op. cit. p.83. P. Bonnici kiteb ukoll li l-purċissjoni kienet ħarġet, meta fil-fatt, f'dik is-sena ma ħarġitx.
[27] Ara Attard Francesco Pio, *Patri Bonaventura M. Camilleri OFMConv.*, op. cit. p.49.
[28] Ara d-*Dedika* lil P. Bonaventura ta' *Tota Pulchra* Nru.24, Festa 2005, p.4.
[29] Ara l-*Omelija* ta' P. Alfred Calleja, Provinċjal, Tota Pulchra Nru.24, op. cit., p.51.
[30] Idem p.51.

